MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 1018/2011

**Jacqueline Graham**
**Vs**
**Francis Graham**

## It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Dicembru, 2011 fejn l-attrici talbet illi billi ai termini ta' klawsola numru 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali iffirmat mill-kontendenti fl-ghoxrin (20) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) fl'atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo', il-konvenut intrabat li jivversa lill-attrici s-somma tà tlett mija disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41) fix-xahar bhala manteniment ghall-bzonnijiet ta' ulied minuri tal-kontendenti li jisimhom Kirsten u Druenne, liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, u dan oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess ulied minuri.

Billi l-konvenut naqas milli jhallas il-manteniment kif miteihem ghax-xhur tà Jannar, Frar u Marzu 2008 fis-

somma komplessiva ta’ elf tmiena u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,048.23c).

Billi l-konvenut naqas ukoll milli jhallas bilanc minn somma akbar rapprezentanti nofs l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni inkorsi mill-attrici ghall-bzonnijiet ta’ ulied minuri tal-kontendenti Kirsten u Druenne fis-somma ta’ mitejn hamsa u tlettin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€235.22).

Billi l-konvenut naqas ukoll milli jhallas is-somma ta’ elf mija u tlieta u tlettin ewro u sitt centezmi (€1,133.06c) rapprezentanti awment ta’ manteniment mhux imhallas mill’konvenut ghas-snin 2007, 2008, 2009 u 2010 u cioe is-somma ta tnejn u hamsin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€52.44) ghas-sena 2007, mitejn tlieta u tlettin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€233.28) ghas-sena 2008, is-somma ta’ tlett mija hamsa u ghoxrin ewro u tmenien centezmu (€325.80c) ghas-sena 2009 u s-somma ta’ hames mija wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€521.54c) ghas-sena 2010 u dana stante illi tul dawn is-snin il-konvenut baqa jhallas manteniment mhux awmentat fis-somma ta’ tlett mija disgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41c) fix-xahar.

Billi ghalhekk il-konvenut mhux debitur versu l-attrici fis-somma komplessiva ta’ elfejn erba’ mija u sittax il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,416.51c) kif spjegat.

Billi l-konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas dan l-ammont dovut lill-attrici baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dan it-Tribunal m-ghandux:

Jiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta’ attrici fis-somma ta’ elfejn erba’ mija u sittax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu €2,416.51c);

Jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ elfejn erba' mija u sittax-il ewro u wiehed u hamsin centezmu (€2,416.51) kif spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li giet intavolata ai termini tal-Artiklu 166A tak-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 13 ta’ Lulju, 2011, kontra l-konvenut.

Illi l-konvenut permezz ta’ risposta pprezentata fis-6 ta’ Jannar, 2012 eccepixxa illi l-ammonti mitluba bhala

manteniment u jew zieda ta’ manteniment ma humiex dovuti u dan stante illi dawn l-ammonti thallsu u anki kieku stess kien hemm xi flejjes dovuti kif qieghed jinghad, l-attrici dejjem accettat kull menteniment minghajr ebda rizerva ghal xi awment.

Illi kwantu ghall-ispejjez mitluba dawn ma humiex dovuti skond il-kuntratt u jekk huma dovuti huma dovuti biss in parte;

Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser ikun pruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tar-risposta ghall-ittra ufficjali kontra l-attrici.

Xehdet l-attrici li spjegat l-ammonti li talbet u pprezenat ricevuti tal-ammonti li qed titlob. Ghamlet it-talba wkoll illi l-ispejjez tal-edukazzjoni minn mittejn hamsa u tlettin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€235.22) ghandhom ikunu erba' mija u disa' ewro u erbgha u tmenin centezmu (€409.84).

Il-konvenut xehed u qal illi huwa kien  hallas ghax-xahar ta’ Marzu. Qal ukoll illi kien hemm qbil bejnu u bejn l-attrici illi jhallas l-ammont ta’ tmien mitt ewro (€800) minflok elf mija u tlieta u tlettin ewro (€1,033). Xehed ukoll illi l-attrici kienet qaltu illi jekk ihallas sitt mitt ewro (€600) kienet taccettahom u tinsa l-ammonti l-ohra. Madankollu hu ma setax ihallas sitt mitt ewro (€600) f’salt wiehed u ried itihomlha fix-xahar u ghalhekk dan l-arrangament ma sehhx.

It-Tribunal wara li semgha lill-partijiet u ra d-dokumenti pprezentati jemmen il-verzjoni tal-attrici fejn qalet illi l-manteniment ta’ Jannar, Frar u Marzu ma rcevitux. Il-verzjoni li ta’ l-konvenut hija wahda insostenibbli u tidher illi qed jara kif jillapazza biex jipprova juri li kien hallas il-manteniment ta’ Marzu pero dan it-Tribunal ma emmnux.

Il-konvenut qal illi kien hemm ftehim sabiex l-ammont jonqos jekk ihallas is-somma maqbula immedjatament pero dan ma ghamlux u ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal il-ftehim ma sehhx u l-ammont huwa dovut fl-intier tieghu.

Illi t-Tribunal gahl dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi l-kaz billi jilqa t-talbiet attrici u jordna lill-

konvenut ihallas lill-attrici ihallas is-somma ta’ elfejn hames mija u disghin ewro (€2,590).

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------